# OMMKOM MARIDA......

Ommkom marida, ħalluha rieqda:
bl-agħjat, bil-ħsejjes la tiksrux nagħsha.
Qamet issajjar; issa mistrieħa,
meddet ftit rasha.

Uliedi kulu; u bla titniffsu,
bħall-kelb li nxteħet jongħos hemm ħdejha,
tħallux leħinkom f'widintha jingħi
bħal ragħda għaddejja........

X'għoġla kien fiha, tbigħ ġmiel u saħħa,
tgħabbi l-imniezel fuq dahar il-ħmara:
tħammar fl-egħlieqi max-xemx li nieżla
lilha kont nara.

U xbejba kienet l-għażiża t'ommkom,
l-hena ta' darha, l-għaxqa tar-raħal.
Marti l-qaddisa, is-Sliem ġo qalbi
magħha kien daħal.

Għaxar snin ilu, għaddew bħal sħaba,
fix-xogħol ta' Mħabba, fix-xogħol tal-ħajja;
xerridna l-għaraq, xi demgħa ċkejkna
żewqet dil-ġrajja.

.....................................................................

Uliedi oqogħdu: kulu bi skietkom.
Is-salib roddu; int, Ninu, fuqek
la xxerridx, ruħi, ħalli fil-għodu
il-mamma tbusek.

Ma dwarkom tnewwaħ qiegħda l-imsejkna
qattusa u b'rasha tmelles dirgħajkom:
bil-għatx ħalliethom liċ-ċkejknin tagħha
jfittxu wrajkom...

Bħalkom trid tiekol, dik ħlejqa t'Alla;
bħal ommkom tħobbhom u tibża' għalihom
l'uliedha kollha: tħalluhiex tnewwaħ
bla ma tisqihom.

.............................................................................

Id-dinja rieqda, uliedi mteddu;
itolbu għal ommkom f'raqda midfuna:
— Ġesù, Ġużeppi, Ommna l-Għażiża,
magħha żommuna!

Ix-xemx kif għabet minn dari mindu
marret saħħitha! Bħal għalqa saret
bir-riħ imħarbta. Din l-isbaħ warda
ta' ħajti sfaret!

Int Omm in-Niket, li ġarrabt bħalna,
ikollok ħniena minn dil-marida.
Fejjaqli 'l marti, ix-Xemx uriha
ta' Ħajja ġdida.

Ommkom marida, għadha kif raqdet,
l-ugigħ, miskina, tajrilha nagħsha,
toħlom u titlob max-xemx għalikom
tqajjem ftit rasha... ..

A. C.